**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tlieta, 15 ta' Novembru, 2016**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 827/2015**

**Easylife TV Direct Company Limited u**
**Easylife Service Co. Limited**
**vs**

**Omajco Cleaners Limited u**
**Eximus Services Limited**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-1 ta' Settembru 2015 li jghid hekk:

Illi s-socjetajiet rikorrenti ilhom ghal dawn l-ahhar 16-il sena cirka joperaw in-negozju taghhom taht l-isem Easylife liema isem illum huwa maghruf ma' kulhadd f'dan il-pajjiz partikolarment mat-telespettaturi tal-istazzjonijiet televizivi f'dan il-pajjiz fejn il-bejgh isir permezz tat-televizjoni u kienu l-pijunieri f'Malta ta' dan it-tip ta' bejgh maghruf bhala teleshopping ossia telebejgh.

Illi matul dawn is-snin kollha s-socjetajiet rikorrenti dejjem operaw in-negozju taghhom taht l-isem esklussiv Easylife kif ghadhom joperaw sal-lum u in oltre dan l-isem kien gie sahansitra rregistrat bhala trademark giet rinnovata sat-28 ta' Mejju 2024.

Illi f'dawn l-ahhar snin is-socjetajiet rikorrenti ntebhu illi gew esposti ghall-bejgh u fil-fatt ilhom jinbieghu ghal diversi xhur prodotti ta' tindif fosthom mop bil-barmil maghha li jintuza ghat-tindif tal-art bl-isem Easylife b'dawn illi dawn il-prodotti qeghdin joholqu mhux biss konfuzjoni fis-suq minhabba l-isem identiku ma' dak uzat esklussivament u bi dritt mis-socjetajiet rikorrenti oltre li rrizulta illi dan il-prodott/dawn il-prodotti huma ta' kwalita inferjuri bil-konsegwenza illi wara li dawn il-moppijiet nxtraw minn terzi persuni u nstabu li kienu ta' kwalita pessima l-istess persuni marru jilmentaw mas-socjetajiet rikorrenti billi assocjaw dan il-prodott mal-isem Easylife li huwa l-isem li bih is-socjetajiet rikorrenti joperaw in-negozju taghhom

u huma maghrufa mal-poplu Malti li l-isem huwa taghhom u bdew jippretendu minghand l-istess rifuzjoni tal-flus li kienu hallsu meta xtraw dawn il-moppijiet minghand diversi hwienet gewwa Malta u Ghawdex. Illi dawn il-moppijiet bl-isem Easylife ghadhom sal-gurnata tal-llum jigu spaccati mis-socjetatjiet intimati u jinsabu ghall-bejgh f'diversi hwienet kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Illi l-agir abbuziv u illegali da parti tas-socjetajiet intimata jikkonsisti fil-fatt illi dawn mhux biss qeghdin jaghmlu uzu tal-isem maghruf Easylife u liema isem sar popolari unikament minhabba l-investiment li ghamlu fih is-socjetajiet rikorrenti matul dawn l-ahhar 16-il sena cirka sabiex dan l-isem jigi maghruf u mizmum bhala isem imfittex u affidabbli billi dejjem offra ghall-bejgh, prodotti ta' kwalita izda wkoll illi qeghdin jaghmlu nfrazzjoni in flagrante tal-marka rregistrata esklussivament f'isem is-socjetajiet rikorrenti u ghalhekk dan l-agir jikkostitwixxi kontravenzjoni u ksur tad-drittijiet ta' proprjeta intelletwali u in oltre jilledi wkoll id-drittijiet tas-socjetajiet rikorrenti bhala proprjetarji u utenti esklussivi tal-isem Easylife u ghalhekk tali agir u abbuz jikkonsisti wkoll fi gwadan mir-reputazzjoni, fama u apparenza tal-isem Easylife u tat-trademark bl-istess isem u qieghed jikkawza dannu lis-socjetajiet rikorrenti bhala utenti esklussivi tad-distribuzzjoni tal-oggetti assocjati mal-uzu tat-trademark u l-isem Easylife.

Illi huwa car u manifest illi d-dritt ta' proprjeta intelletwali tas-scojetajiet rikorrenti bhala koncessjonali esklussivi tad-dritt ta' uzu tat-trademark Easylife u tal-isem Easylife kif rikonoxxut u protett in virtu, bis-sahha u skond paragrafu b tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigi lez mill-intimati li minhabba dan l-agir abbuziv sofrew u ghadhom isofru danni. Dana billi meta s-socjetajiet intimati bdew jispaccjaw fis-suq dawn il-moppijiet bl-isem Easylife, billi dawn kienu ta' kwalita pessima, is-socjetajiet rikorrenti wara li bdew jircievu ilmenti kontinwi illi l-moppijiet bl-isem Easylife kienu qed jispiccaw wara ftit zmien ta' uzu spiccalhom is-suq li huma kienu ilhom igawdu fil-bejgh tal-moppijiet originali li kienu jimpurtaw u jbieghu huma fil-gestjoni tal-isem Easylife u t-trademark bl-istess isem u minn bejgh ta' madwar 300 mop fix-xahar dan in-numru spicca fix-xejn tant li waqfu milli izjed joffru dan il-prodott fis-suq, kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Illi s-socjetajiet rikorrenti kienu fil-11 ta' Dicembru 2014 ottenew sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-istess ismijiet rikors numru 975/2013 li permezz taghha din il-Qorti kienet iddikjarat, pero biss primo facie illi l-intimati kienu illedew id-drittijiet intelletwali u patrimonjali tas-socjetatjiet esponenti billi kkawzaw konfuzjoni mal-pubbliku kif ukoll li uzaw it-trademark irregistrata f'isem is-socjetajiet rikorrenti b'mod abbuziv u illegali u nonostanti din is-sentenza l-istess socjetajiet xorta wahda baqghu kif ghadhom jaggixxu bhal donnu din is-sentenza qatt ma ezistiet.

Illi din il-kawza qed tigi istitwita sabiex din il-Qorti wara li tisma' l-provi da parti tas-socjetajiet rikorrenti, mhux izjed issa fuq bazi primo facie izda fil-meritu ssib lis-socjetajiet intimati responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjetajiet rikorrenti in vista tal-agir abbuziv u illegali taghhom kif fuq intqal u kif jigi spjegat u ppruvat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant jghidu s-socjetajiet intimati ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti in vista tal-prerness u ai termini tal-artikoli 6, 8 u 14 tal-Kaptiolu 488 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetajiet intimati jew min minnhom bl-agir illegali taghhom kif spjegat dettaljament supra, illedew id-drittijiet intellettwali u patrimonjali tas-socjetajiet rikorrenti meta ghamlu uzu tal-marka Easylife, registrata din il-marka esklussivament f'isimhom ai termini tal-Kap. 146 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk gew li kissru l-provvedimenti kemm tal-Kap. 488 kif ukoll tal-Kap. 146 b'dan il-ksur jarreka Danni ngenti lis-socjetajiet rikorrenti.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetajiet intimati huma unikarnent responsabbli ghad-danni kollha li soffrew u ghadhom issofru s-socjetajiet rikorrenti minhabba l-uzu illegali da parti taghhom, ghal madwar 16-il sena billi l-istess isem Easylife ossia Easy Life liema isem ilu jigi uzat esklussivament mis-socjetajiet rikorrenti oltre illi gie wkoll irregistrat kif ghadu bhala trademark taht il-provvedimenti tal-Kap. 488 u 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tillikwida dawn id-danni, fosthom danni konsistenti f'telf ta' bejgh u kwindi telf profitti, fi spejjez ta' advertising, spejjez ohra inkorsi mis-socjetajiet rikorrenti konsistenti f'telf tal-isem minnhom stabbilit ghal madwar 15-il sena u maghruf ghal prodotti ta' kwalita tajba fis-suq, oltre danni ohra u dana jekk hemm bzonn bl-opera periti nominandi.

4. Konsegwentement tikkundana lis-socjetajiet intimati jhallsu lil dawk rikorrenti in linja ta' danni dak ammont li jigi hekk likwidat.

5. Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet intimati li minn issa l-ufficjali taghhom huma ngunti ghas-subizzjoni, dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 85/15 fl-istess ismijiet u li gie ntavolat fl-20 ta' Jannar 2015 bl-ispejjez extra gudizzjarju li s-socjetajiet rikorrenti nkorrew u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lilhom ghal danni ulterjuri mid-data tal-intavolar ta' dawn il-proceduri sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament u qabel kollox, is-socjetajiet rikorrenti ghadhom ma hallsux l-ispejjez tal-kawza precedenti fl-istess ismijiet u deciza nhar il-25 ta' Gunju 2015 u ghalhekk dawn il-proceduri ma jistghux jissoktaw;

2. Illi preliminarjament ukoll, fin-nuqqas evidenti, ghal darba ohra, ta' talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li kien hemm ksur ta' drittijiet intelletwali da parti tal-intimati, tigi eccepita r-res judicata u dan peress li dina l-Onorabbli Qorti diga iddecidiet fuq dan il-punt permezz tad-decizjoni tal-25 ta' Gunju 2015 (Rik Gur 105/2015) fl-istess ismijiet u li minnha ma sar l-ebda appell;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jeccepixxu ghal darba ohra in-nullita tat-talbiet attrici hekk kif imposti, inkwantu r-rikorrenti qatt ma jistghu jipprocedu mill-ewwel ghar-responsabbilita, likwidazzjoni, kundanna u hlas ta' danni

allegatament sofferti minnhom minhabba l-allegat "uzu illegali da parti [tal-esponenti]" tal-isem "Easylife" minghajr ma jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex l-ewwel u qabel kollox issib li l-esponenti ikkommettew xi illegalita (liema talba tkun eventwalment ferm ikkontestata) a dannu tal-istess esponenti. Kif huwa rikonoxxut mir-rikorrenti fir-rikors guramentat innifsu, id-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Dicembru 2014 kienet wahda biss prima facie. Illi kjarament nuqqas ta' talba ghal dikjarazzjoni fil-mertu dwar l-allegat ksur ta' drittijiet intelletwali trendi l-proceduri odjerni nulli u dan kif anke gie stabbilit fis-sentenza precedenti ta' din l-Onorabbli Qorti moghtija nhar il-25 ta' Gunju 2015 (Rik Gur 105/2015) fl-istess ismijiet;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, sejrin jergghu jitqajjmu s-segwenti risposti li gia tqajmu fi stadju tad-digriet surreferit, u dan bl-ebda disprezz lejn l-awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti li diga indagathom fuq livell ta' prima facie, izda sabiex dawna jigu investiti funditus fil-mertu f'din l-istanza:
(a) Illi in linea preliminari ukoll is-socjeta esponenti Eximus Services Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma spaccatx il-mobbli mertu ta' din il-vertenza;
(b) Illi l-isem 'easylife' stampat fuq il-kaxxa ma hijiex l-istess bhal dik tas-socjeta rikorrenti, anzi hemm differenza notevoli u l-ebda somiljanza;
(c) Illi l-uzu tal-kliem 'easylife' tant hu insinifikanti tenut kont tal-get up kollu tal-kaxxa tal-mop li ma johloq l-ebda konfuzjoni f'mohh il-konsumatur normali;

5. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti ma kkommettew l-ebda illegallta u illi in ogni kaz ma jezistux l-elementi tal-azzjoni proposta mir-rikorrenti;

6. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespot u fil-mertu, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova inkonfutabbli u reali tad-danni minnhom reklamati;

7. Risposti ulterjuri riservati.

B'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti u bl-ispejjez kontra s-socjetajiet rikorrenti, ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat l-atti kollha u dokumenti esebiti, kif ukoll il-process allegat nru. 975/2013, u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rali il-verbal tal-10 ta' Dicembru 2015 li bih l-intimati rtiraw l-ewwel eccezzjoni;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Illi r-rikorrenti talbu l-allegazzjoni tal-atti tal-process 975/2013 bejn l-istess partijiet fejn kienu tressqu s-segwenti provi:

Ir-rikorrent Peter Caruana kkonferma r-rikors prezentat minnu u zied jghid li wara li pprezenta l-kawza l-intimati baqghu jaghmlu reklami u jbieghu l-istess mop pero issa biddlu l-isem biex ma baqghetx Easylife mop izda b'isem differenti. Hu ma jafx jekk l-intimati irtirawx il-moppijiet li kellhom bl-isem Easylife jew iddistruggewhomx. L-intimati tellfuh il-bejgh ghal madwar sena jew aktar billi beda jircievi lmenti minn klijenti li xtraw il-moppijiet tas-socjeta intimata bl-isem Easylife imma li kienu ta' kwalita inferjuri. Fejn qabel kien ibiegh kwantita ta' moppijiet, il-bejgh naqas drastikament sakemm spicca kompletament. Ipprezenta prospett preparat minn accountant tal-kwantita ta' moppijiet li kien jixtri u kemm kien ibiegh xahar b'xahar qabel mal-intimati bdew ibieghu l-kopja tal-mop tieghu. Fil-prospett hemm kemm kienu jiguh il-moppijiet u l-qliegh li jaghmel fuqhom u allura t-telf li sofra mid-data relattiva sakemm fetah il-kawza. Fis-sena 2010 hu kien ghamel qliegh nett ta' €14,106 u kieku l-intimati ma ghamlux dak li ghamlu hu kien jaghmel almenu l-istess qliegh fl-2011 sal-2013 sakemm l-intimati waqfu milli juzaw l-isem tieghu. Apparti dan hu issa sabha difficili biex jerga' jakkwista l-fiducja tal-klijenti li kellu qabel. Ipprezenta kaxex bl-oggett in kwistjoni biex juri li anke wara li pprezenta l-kawza hu kien irnexxilu jixtri minghand l-intimati l-mop bl-isem Easylife biex juri li l-intimati baqghu jiksru d-drittijiet tieghu.

Fuq kontroezami r-rikorrenti wiegeb li gab dan il-prodott minn 20/01/2010 sa 02/11/2010 imbaghad ma gabx konsenji ohra ghar-raguni li gia spjega. Hu kien sab li l-intimati kienu qed jnizzlu l-isem Easylife fuq il-kaxxa tal-prodott. Meta kienu jirreklamaw fuq it-televison l-intimati ma kienux igibu l-kaxxa imma juru l-barmil biss. Hu mhux qed joggezzjona ghax l-intimati jgibu prodott simili ghal tieghu imma ghax kienu qed juzaw l-isem tal-kumpanija Easylife fuq il-prodott taghhom.

Manwel Taljana, impjegat mas-socjeta rikorrenti, xehed li kien induna li l-intimati kienu qed ibieghu mop bhal taghhom u fuq il-kaxxa kien hemm l-isem Easylife, meta kien ra il-prodott f'hanut f'G'Mangia. Hu kien qal lil Peter Caruana u dan beda jindaga biex jara minn kien qed igib dak il-prodott. Ftit wara giet mara bil-mop ghat-tiswija ghandhom u gabitu fil-kaxxa tieghu bl-isem Easylife u lmentat li kien difettuz u ghadu taht garanzija. Hi ma kinitx xtratu min ghandhom imma minn hanut il-Qrendi. Hu kien indaga u sab li dak il-mop kien qed ibieghu l-Omajco Cleaners. Hu kien

xtara mop min ghandu u fil-hanut kien ra ruxmata kaxxi b'tlett tipi ta' moppijiet kollha bl-isem Easylife fuq il-kaxxa. Hu kien xtara mop minghand Omajco fi tlett okkazzjonijiet differenti. Barra l-mara Ii semma kienu gew persuni ohra jilmentaw maghhom u riedu Ii jaghtuhom il-flus lura jew jsewwulhom b'xejn. Huma heddewhom li jaghmlulhom reklam hazin. Huma ma setghux jikkonvincuhom Ii mhux huma kienu importaw dak il-prodott. Kien hemm differenza kbira bejn il-kwalita tal-prodott taghhom u dak tal-intimati.

Mark Camilleri, habib ta' Peter Caruana, xehed Ii hu kien iltaqa' mieghu t-Trade Fair u kien talbu biex jiccekkja fl-istand tas-socjeta Omajco biex jara jekk kinitx qed tbiegh moppijiet taht l-isem ta' Easylife. Hu hekk ghamel u sab ragel jaghmel dimostrazzjoni lin-nies b'dawn il-moppijiet u nnota partita kaxxi fuq xulxin bil-mop go fihom u l-kaxxi kellhom fuqhom l-isem Easy Life. Dan ir-rageI kien qed jghid lin-nies Ii l-moppijiet kienu tal-Easylife.

Charles Cassano, accountant, irrefera ghad-dokument a fol. 26 ppreparat minnu u qal li bhala prezz ta' xiri huwa ha average skond kull fattura fuq sena shiha. Hu ha kemm impurtaw bramel u hareg il-prezz ta' kull barmil b'average ta' sena shiha, zied mieghu I-freight u c-charges, biex hareg il-cost ta' kull barmil imbaghad immoltiplika daqs Ii kieku I-bramel inbieghu kollha (bramel in stock ma kienx hemm) u hareg il-valur tal-bejgh ta' sena shiha. Dan il-kalkolu ma jirriflettiex is-sales attwali imma projection ta' kemm suppost qala' kieku baqa' jimporta dawn iI-bramel u mhux waqaf kif kellu jaghmel.

L-intimat Anthony Vella xehed Ii huwa direttur tas-socjeta Omajco Cleaners Ltd. mentri martu hija direttrici tal-kumpanija Eximus Services Ltd. Il-kumpanija Omajco timporta prodotti ghas-suq lokali. Huma jbieghu mill-hanut taghhom fil-Qrendi u joffru servizz ta' home delivery. IIhom ibieghu dawn il-bramel ghal dawn l-ahhar erba’ snin. Jimportaw dan il-mop u barmil minn barra u ma jaghmlulu ebda tibdil lanqas fil-packaging tieghu. Il-kaxxa tigi impurtata kif inhi u tinbiegh direttament Iill-konsumatur kif inhi. Il-prodott jigi mic-China. Ezebixxa d-Dok. AV1 Ii juri l-kaxxi qeghdin jitghabbew fil-container fic-Cina u Dok. AV2 juri l-kelma EASY LIFE kif stampat mill-manifattur fuq il-kaxxa. Il-prodott in kwistjoni jismhu ISPIN MOP kif jidher fil-kaxxa.

Dan il-mop mhux l-uniku mop li jinbiegh hawn Malta. Il-mop tal-attur jismu SPIN & GO.

Dwar Dok. AV1 a fol. 35 qal li dan hu l-Easy Mop li kien igib xi tlieta/erba' snin ilu. Hemm il-kliem Easy Life (Makes housework much easier). Il-prodott jigi stampat hekk lest minn barra. Dok. AV2, 3 u 4 huma mudelli ta' barmil mhux tal-kumpanija taghhom imma li jgibuh haddiehor. Dok. AV5 hu mudell iehor bl-isem Easy Life li mhux taghhom.

F'din il-kawza regghu xehdu l-partijiet u l-accountant Charles Cassano.

Charles Cassano xehed li l-qliegh li kellha s-socjeta rikorrenti fuq il-prodotti Spin & Go, Roto Mop u Whirly Mop fis-sena 2010 kien circa ta' €14,000 u kieku baqghet tbiegh bl-istess rata kieku sallum kienet taghmel €70,000.

Peter Caruana xehed li l-prodott fid-Dok. A u Dok. C ma ghandhomx x'jaqsmu ma' dina l-kawza. Hu ma pprocediex kontra taghhom ghax ma kitbux il-kelma Easylife fuq il-mop taghhom, mhux bhal konvenut li gabhom bil-kliem Easylife fuqhom. Hu ma jafx jekk dak li hemm fid-Dok. B1 gabux hu wkoll u qed ibieghu. Hu qed joggezzjona ghal dawk li kien qed jirreklama l-konvenut fuq it-televizjoni.

Anthony Vella xehed li l-kumpanija Eximus Services Ltd. timporta l-prodotti mentri Omajco Cleaners Ltd. tbiegh u tirreklama prodotti fil-qasam tat-tindif u sanitary goods. Huma jbieghu dawn il-prodotti mill-hanut taghhom fil-Qrendi jew permezz ta' home delivery u ghandhom spots tat-teleshopping fuq it-televizjoni. Ghar-rigward tal-bramel mertu tal-kawza, huma lhom ibieghu minnhom dawn l-ahhar sitt snin cirka. Huma jbieghu bramel bl-isem Ispinmop li fil-packaging taghha ma hemm l-ebda referenza ghall-kliem "easy life" u anqas xi forma jew ohra tal-logo tal-kumpanija Easylife. (Dok. A1 sa A15). Esebixxa ritratti ta' bramel ta 'kompetituri lokali li jgibu bramel simili ghal dawk mertu tal-kawza li ghandhom il-kliem 'Easy Life' (ara Dok. B1 sa B6). Dok. B1 sa B3 huwa barmil Easylife magic mop. Dok. B4 barmil bil-kliem Easylife li gie ghandu ghar-riciklagg. Dok. B5 u B6 barmil bil-kliem Easy Life Easy Mop li nxtara minghand PAVI. L-ebda wiehed minn dawn ma nxtara minn

ghandhom. Il-kumpanija attrici ma tuzax il-kliem Easy Life fuq il-prodotti u l-packaging taghha imma l-isem tal-bramel huwa Spin and Go (Dok. C1 u Dok. C2). Il-bramel li nbieghu ma jixxiebhux mal-bramel li ggib il-kumpanija attrici, ghandhom forom u kuluri differenti minn tal-kumpanija attrici u tal-kompetituri l-ohra. Mal-bramel huma jaghtu ricevuta, ghalhekk il-klijent facilment jista' jigi ghandhom jekk ikollu xi problemi.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Illi kwantu ghall-eccezzjoni 4(a) fejn l-intimati qed jghidu li s-socjeta Eximus Services Ltd. ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma spaccatx fis-suq il-mobbli mertu ta' din il-kontensjoni, il-Qorti tirrileva illi z-zewg kumpaniji intimati qeghdin fin-negozju ta' importazzjoni u distribuzzjoni ta' prodotti f'Malta fosthom dawk in kwistjoni, ghalhekk ghandhom it-tnejn ghandhom iwiegbu ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Illi l-eccezzjonijiet l-ohra 4(b) u (c), 5 u 6 jolqtu l-mertu li issa ser jigi trattat.

Illi mill-provi jirrizulta li Easy Life Services Co. Ltd. hija l-proprjetarja tat-trade mark Easy Life (ara dokumenti a fol. 5,6, u 68) u ghalhekk hija tgawdi protezzjoni fuq dina l-marka anke jekk, skond l-intimati, dawn huma kliem komunament uzati.

Ir-rikorrenti jilmentaw li l-intimati ghamlu zmien ibieghu bramel bil-mop simili ghal taghhom li fuq il-kaxxa kellhom imnizzel l-isem Easy Life bhal marka registrata taghhom. Dan wassal biex inholqot konfuzzjoni fis-suq tant li kien hemm min xtara minn dana l-prodott importat u mibjugh mill-intimati u marru ghandhom jilmentaw li l-prodott kien difettuz li riedu l-flus lura ghax kien taht garanzija jew talbuhom biex jirrangawulhom b'xejn meta fil-fatt dan il-prodott ma kienx taghhom. Dawn il-persuni kienu anke hedduhom li jaghmlulhom reklam hazin. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li kien hemm differenza sostanzjali fil-kwalita tal-prodott impurtat mill-intimati u dana ghamel hsara lir-reputazzjoni tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti, bhala prova u konferma ta’ x’kienu qed ibieghu l-intimati, xtraw huma stess minn dawn il-bramel minghand l-intimati u kkonfermaw li kienu l-intimati li qed ibieghuhom. Ir-rikorrenti mhumiex qed jikkontestaw li l-intimati jew kompetituri ohra taghhom jistghu jbieghu bramel bil-mop b'isem differenti minn taghhom, izda l-oggezzjoni taghhom hija li l-intimati kienu qed ibieghuhom f’kaxxi li fuqhom kien hemm l-isem Easylife li facilment u effettivament kien qed jikkawza konfuzjoni fis-suq u jikser id-drittijiet intellettwali taghhom.

Illi jirrizulta li l-kliem uzati mill-intimati huma prattikament identici u li attwalment wassal biex konsumaturi gew konfuzi kif jirrizulta mill-provi.

Illi r-rikorrenti fethu dina l-kawza biex jipprotegu d-drittijiet intelletwali taghhom u sabiex l-intimati ma jibqghux jiksru d-drittijiet taghhom u anke talbu d-danni li sofrew.

L-intimati esebew awtorizzazzjoni mill-esportatur tal-prodott biex huma juzaw it-trademark taghhom "ISPINMOP" (ara fol. 33 et seq.). Ir-rikorrenti pero, kif gia nghad, mhux qed joggezzjonaw li jigu impurtati moppijiet u bramel b’isem iehor, bhal ISPINMOP, imma li dawn ma jigux spaccjati bhala li huma tal-kumpanija taghhom Easylife kif jidher li sar billi tnizzel l-isem Easylife fuq il-kaxxex kontenenti dawn il-bramel u moppijiet.

L-intimati jsemmu ukoll li hemm kompetituri ohra li juzaw il-kliem Easylife fuq il-prodott taghhom u esebew id-Dok. B1, 3, 5,u 6 biex jippruvaw dan. Ir-rikorrenti wiegbu li huma ma jafux min qed jimporta dawn il-prodotti, imma anke kieku, dan ma jiskolpax lill-intimati minn dak li ghamlu. Fil-fatt l-intimati ma komplewx ipoggu l-kliem Easy Life fuq il-prodott impurtat minnhom wara li nfethet il-kawza kontra taghhom.

Illi l-Qorti ghalhekk qed tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti.

**Danni**

Illi r-rikorrenti qed jitolbu danni konsistenti f'telf ta' bejgh u kwindi telf ta' profitti, spejjez ta' advertising, spejjez ohra konsistenti f’telf ta' isem, oltre danni ohra.

Kwantu ghat-talba dwar id-danni xehed Charles Cassano, l-accountant tas-socjeta rikorrenti, dwar il-prospett tad-danni (ara fol. 26) li qed tirreklama s-socjeta rikorrenti. Illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta rikorrenti kienet impurtat dana l-prodott fis-sena 2010, imbaghad ma kompIietx timpurtah billi, skond hi, kienet intlaqtet hazin minhabba l-agir tal-intimati u l-bejgh taghha naqasilha u ma riditx tkompli tgharraq ir-reputazzjoni taghha. Jghid li fis-sena 2010 kienu ghamlu qIiegh nett ta' €14,106 u kieku l-intimati ma ghamlux dak li ghamlu huma kienu jaghmlu l-istess qIiegh fis-snin 2011-2013, sakemm l-intimati ma kompIewx juzaw l-isem Easylife. Is-socjeta rikorrenti tghid li barra t-telf ta’ qliegh hija trid terga’ takkwista l-fiducja taI-kljenti li kellha qabel.

Illi bhala prova r-rikorrenti gabu l-ammont ta' qliegh nett li dahhIu fil-2010 u projection ta' kemm jikkalkolaw li kienu jaghmIu kieku huma komplew ibieghu minn dak il-prodott minghajr il-konfuzzjoni u l-kompetizzjoni ngusta li l-intimati holqu.

Din il-Qorti tosserva illi huwa accettat, f’certu cirkostanzi, illi d-danni jigu stabbiliti "arbitrio bono viri". Huwa pacifiku illi l-prova tad-danni tispetta liI min jallega li soffriha (artikolu 562 tal-Kap. 12). lzda huwa daqshekk iehor stabbilit illi Iikwidazzjoni ta' danni arbitrio boni viri hija mistennija u f’waqtha meta jkun difficli ghall-attur li jipprova, b'mezzi ordinarji, id-danni effettivament sofferti. (Ara **Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Company Limited**, PA, 13/10/2004 u **Joseph Attard vs Direttur Generali tas-Sahha**, App 30/05/2014).

Fil-fehma ta’ dina l-Qorti f’dan il-kaz ir-rikorrenti impurtaw dan il-prodott f’sena wahda u mbaghad ma komplewx, skond huma, tort tal-intimati. L-ammont ta' danni reklamati huwa projection fuq tlett snin u mhux bejgh attwali, apparti li f’dina l-kawza Charles Cassano talab danni wkoll fuq seba’ snin u mhux tlieta kif originarjament xehed. Barra minn hekk il-Qorti tosserva li fis-suq kien hemm diversi ditti jbieghu l-istess prodott u anke b’prezz irhas, ghalhekk id-danni li setghu batew ir-rikorrenti jrid jigi cirkoskritt anke taht dana l-aspett.

llli fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-aspetti kollha tal-kaz, tasal sabiex, arbitrio boni viri, tiffissa s-somma ta’ €15,000 bhala danni li

ghandhom jithallsu mill-kumpaniji intimati lir-rikorrenti minhabba l-ksur tad-drittijiet intellettwali taghha kif fuq imsemmi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tiIqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' €15,000. Konsegwentement tikkundanna Iis-socjetajiet intimati jhallsu lir-rikorrenti in Iinja ta' danni l-ammont ta' €15,000, bI-ispejjez kontra s-socjetajiet intimati

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur